# L-Għannej tal-Wied*

Jien naf Għannej li jsemma' l-għanja tiegħu
Minn tlugħ ix-xemx sa' nżulha ġol-widien,
Lis-siġar ta' madwaru, lill-gidien
Li jinżlu minn mal-blat jitmierħu miegħu,
Jħarsu lejh jew jaqbżu għal fuq driegħu,
Jew jogħnsu fejn riġlejh u hekk l-għidien
Ta' l-erbat iżmna jgħanni wil-ħolqien,
Li donnhom il-wirt tagħhom lilu biegħu.

'Mma dawk li jħossu ruħhom l-aktar hienja
Bil-għanja ta' fuq l-iġbla fejn itiru
L-isqra xemxin jistmellu l-Wied. Ferħana
Il-ħolmiet żgħar ta' ruħu dawl isiru,
U xorta jgħanni bħal ma tgħanni s-sienja,
Wil-Wied hu ġenna bit-tifwir ta' l-għana.

Ġużè Aquilina.

Londra. 5—6—'38

* *Mill-Ingliż tiegħi "The Piper of the Valley"*